**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 007

**It-Tnejn, 9 ta' Settembru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Maria Mifsud ( MM) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala ( CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (3)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Is-Sur Stanley Zammit (SZ) Kunsillier

**ASSENTI**
Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ppresjeda

## Minuti

## 7.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

7.1.1 Is-Sindku qara e-mail mibghuta mill-Kunsillier Stanley Zammit li permezz taghha, il-Kunsill Lokali gie mitlub jikkunsidra l-possibilita' illi jiggustifika n-nuqqas ta' attendenza ghas-seduta tal-Kunsillier Zammit ragunijiet ta' safar. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsillier Zammit kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 7.2 Kunsiderazzjonu u approvazzjoni tal-Minuti;

7.2.1 Il-Minuti tas-seduta numru 6 tat-tmien legislatura kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

7.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Scott Camilleri ssekondata mis-Sa. Josette Busuttil, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

7.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 7.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

7.3.1 Ma kienx hemm

## 7.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

7.4.1 Il-Kunsillier Alexander Caruana staqsa lill-Kunsill Lokali dwar eventwali zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni ma' Sistema ta' mmaniggjar tat-traffiku f'dawret il-qalb imqaddsa.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjega illi kien wasal il-permess mehtieg minn Transport Malta u l-materja kienet ser tkun qieghda tigi implimentata fi zmien qasir.

7.4.2 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lis-Sindku jekk kienx possibbli jitwahhlu xi tabelli sabiex ma jintremiex skart f'postijiet specifici.
Wara li kkonsulta mal-Kunsilliera Maria Mifsud, is-Sindku ikkonferma illi l-Kunsill Lokali kien diga' qieghed iwahhal tabelli simili fejn kien qieghed jigi nnotat illi jintrema' l-iskart.

7.4.3 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lis-Sindku dwar il-possibilita' illi jsiru konki ghas-sigar bhala parti mix-xogholijiet li Infrastructure Malta kienet qieghda timplimenta fi Triq Zarenu Dalli
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kienet giet diksussa waqt laqgha li l-Kunsill Lokali kellu mal-istess Infrastructure Malta.

7.4.4 Is-Sur Alex Caruana staqsa lis-Sindku jekk kienx possibbli li jinkera hi-up bil-ghan illi jinzabru sigar li kien hemm f'parking area biswit l-istabbiliment 'Al Fresco'.

Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kellha tigi diskussa fis-seduta segwenti peress illi kien hemm il-possibilita' illi x-xoghol isir mill-kuntrattur tal-Kunsill Lokali fil-frattemp.

7.4.5 Is-Sur Alex Caruana staqsa lis-Sindku jekk kienx possibbli illi jsir bust li kien ippropona li jsir biswit il-muzew. Il-Bust kellu jkun ta' San Gorg Preca.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi tali materja kellha bzonn diskussjoni fid-dettall u l-Kunsill Lokali kellu jixtarr tajjeb il-possibilitajiet kollha.

7.4.6 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward parking bays fiz-zona ta' Benghajsa.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kienu waslu l-permessi minghand Transport Malta u kienet ser tkun qieghda tigi implimentata f'qasir zmien.

7.4.7 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lis-Sindku jekk kienx hem mil-possibilita' illi tigi ratifikata sitwazzjoni li kienet inholqot b'konnessjoni ma' numru ta' bring-in-sites fil-lokalita'.
Wara li kkonsulta mal-Kunsilliera Maria Mifsud is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'dak li kien qieghed isir fir-rigward

7.4.8 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv skema ta' mmaniggjar tat-traffiku fi Triq il-Batterija.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali dwar x'kien sehh dwar il-materja.

7.4.9 Is-Sur Alex Caruana staqsa lis-Sindku jekk kellux informazzjoni dwar meta kien ser jitkompla ix-xoghol fi Triq Zarenu Dalli.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi minn informazzjoni li kellu ix-xoghol kellu jitkompla matul l-istess gimgha.

7.4.10 Is-Sa. Maria Mifsud staqsiet lis-Sindku jekk kienx hem mil-hsieb illi jkomplu jsiru parking bays fi Triq iz-Zurrieq.
Is-Sindku informa lill-Kunsill lokali illi minn informazzjoni li kellu fis-sit imsemmi ma setghux isiru aktar parking bays.

7.4.11 Is-Sa. Maria Mifsud staqsiet lis-Sindku jekk kienx possibbli li jsir xi haga rigward problem ta' gharghar li kien hemm fiz-zoni ta' Triq San Patrizju u tal-promenade tal-Qajjenza.
Is-Sindku spjega lill-Kunsill Lokali s-sitwazzjoni dwar il-materja.

7.4.12 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv jekk kienx qieghed isir xi haga rigward allegat abbuz min-naha tal-kuntrattur tal-iskart. Dan peress li hija kienet infurmata illi l-istess kuntrattur kien qieghed ihallat il-boroz tal-iskart waqt il-gabra.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-contracts manager kien qieghed jiehu hsieb il-materja.

7.4.13 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kienx possibbli illi l-Kunsill Lokali jikri s-servizzi tal-kumpanija Dancing Angels.
Wara li s-Sindku informal is-Sa. Busuttil illi tali materja kellha tigi dikussa apparti, kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja.

7.4.14 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali kienx possibbli li tigi ratifikata sitwazzjoni li kien hemm b'litter bin fi Triq Santa Katerina.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tkun qieghda tintbaghat e-mail dwar il-materja.

7.4.15 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm zviluppi rigward bollards li l-Kunsill Lokali kien qieghed jitlob li jigu installati fi Triq Ghar Dalam minn Infrastructure Malta.
Wara li kkonsulta mal-Kunsillier Alex Caruana is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti s-sitwazzjoni dwar l-imsemmija bollards.

7.4.16 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet jekk setghetx tinghata lista ta' direct orders li kienu nhargu matul l-2019 mill-Kunsill Lokali.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi tali lista setghet tinkiseb mill-iskedi ta' hlasijiet

7.4.17 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm pjanti godda ta' progett li kien qieghed jigi ippjanat ghaz-zona ta' Wied il-Buni.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera Portelli bl-izviluppi li kien hemm dwar il-materja.

7.4.18 Is-sa. Doriana Portelli staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward is-sitwazzjoni ta' Triq il-Ghirghien.
Is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali habbar illi x-xoghol imsemmi kien ser ikun qieghed isir mill-Gvern Centrali.

7.4.19 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm xi informazzjoni rigward problema ta' drenagg li kien hemm fiz-zona maghrufa bhala San Gorg.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bis-sitwazzjoni dwar il-materja.

7.4.20 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm xi pjan li tigi ratifikata problema ta' gharghar li kien hemm biswit il-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bid-dettalji tal-problema li kien hemm u sahaq illi waqt laqgha li kellu kien sahansitra informa lil Infrastructure Malta bil-problema li kien hemm.

7.4.21 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm il-hsieb li l-Kunsill Lokali johloq '*dog park*' fil-lokalita'.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi ma kien hemm ebda pjan relatat mal-materja msemmija.

7.4.22 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm il-possibilita' illi l-Kunsill Lokali joffri ghajnuna lil individwi li jiehdu hsieb 'stray cats'.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bis-sitwazzjoni dwar il-materja.

7.4.23 Is-Sur Carlo Stivala ghadda lill-Kunsill Lokali dettalji dwar il-*European Week of Sports* li kienet qieghda tigi kkordinata u li partijiet minnha kienu ser ikunu qieghdin jizvolgu gewwa l-lokalita'.

7.4.24 Is-Sur Carlo Stivala ghadda lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar *Mediterranean Beach Soccer* li kien qieghed jigi kkordinat mill-MESA. L-imsemmmija attivita' kienet ser tkun qieghda tinzamm fil-bajja s-sabiha

7.4.25 Is-Sur Carlo Stivala ghadda lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar il-*Valletta Grand Prix* li kien qieghed jigi propost li tittella' nhar id-9 t'Ottubru 2019.

7.4.26 Is-Sur Carlo Stivala ghadda lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar l-attivita' li kien qieghed jikkordina f'isem il-Kunsill Lokali. L-attivita' li kienet tikkonsisti f'Regatta fil-lokalita' kien qieghed jigi propost li tittella' nhar it-28 t'Ottubru 2019 liema attivita' kienet ser tkun qiegda tigi parzjalment iffinanzjata mill-iskema ta' attivitajiet kulturali mnehdija mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali.

7.4.27 Is-Sur Carlo Stivala ghadda lill-Kunsilliera Prezenti informazzjoni dwar laqgha li kien attenda f'isem il-Kunsill Lokali b'konnessjoni mal-*iskate park* li kien hemm fil-lokalita'. Il-laqgha kienet tikkonsisti f'seduta tal-isteering committe li kien jimmaniggja l-istess *skate park.*

7.4.28 Is-Sur Carlo Stivala staqsa lis-Sindku jekk setax isir intervent bil-ghan illi jinxteghel parkegg li kien hemm biswit l-istabbiliment Al Fresco
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi minhabba ragunijiet varji il-proposta ma setghetx timmaterjalizza.

## 7.5 Rapporti;

7.5.1 Il-Kunsilliera gew ipprezentata bi stimi li kienu ingabru bil-ghan illi jinbidel air-conditioner fl-ufficcju amministrattiv. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi u jilqa' l-offerta ta' Arjakon ghall-prezz ta' Ewro530.00

7.5.2 Wara li l-Kunsilliera gew ipprezentati bi kwotazzjonijiet, kien hemm qbil illi kellha tinxtara Safety Guard Mesh ghal triq San Patrizju minghand l-orhos minn tliet kumpaniji li kienu bagahtu stima.

7.5.3 Il-Kunsillier Alex Caruana informa lill-Kunsill Lokali b'diskussjonijiet li kellu mal-kumpanija GOTO rigward parkegg riservat ghall-vetturi tal-istess kumpanija. Is-Sur Caruana sahaq illi kien intlehaq qbil fil-principju fuq sitt siti li potenzjalment setghu jigu uzati minn GOTO

7.5.4 Wara lis-Sindku informa lill-Kunsilliera bl-emendi li kienu dahlu fis-sehh fl-att dwar il-Gvern Lokali b'mod partikolari fejn jikkoncerna l-Pjan ta' Hidma, kien hemm qbil bejn il-membri illi kellha tinzamm laqgha ta' konsultazzjoni mar-residenti nhar it-30 ta' Settembru 2019.

7.5.5 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kwotazzjonijiet ghax-xiri ta’ laptop gdid bil-ghan illi jinbidel ma’ wiehed li ma kienx ghadu jiffunzjona b’mod efficjenti. Wara li inqraw l-istimi gie deciz illi kellu jinxtara laptop tad-ditta ACER minghand il-kumpanija Klikk ghal spiza ta’ Ewro799.00

6.5.4 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:
- Kien hemm qbil illi kellha tigi milqugha talba mressqa mill-Ghaqda Sajjieda Dilettanti Birzebbuga saniex juza spazju biswit l-istabbiliment Al Fresco bhala Boat Yard hekk kif sehh fis-snin precedent.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’kaz ta’ rimi illegali li kien hemm fi Triq iz-Zurrieq. Kien hemm qbil illi s-sitwazzjoni kellha tigi ratifikata.

## 7.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

7.6.1 Il-Vici-Sindku Scott Camilleri ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 09/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

7.6.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Alexander Caruana ssekondata mill-Kunsillier Carlo Stivala, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

7.6.3 Il-Vici-Sindku Scott Camilleri ippreżenta r-rapport ta’ nfiq mill-*Petty Cash* għal Awissu 2019 bir-riferenza 8/2019 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

7.6.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Josette Busuttil u ssekondata mill-Kunsillier Alexander Caruana, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament

## 7.7 Mozzjonijiet

7.7.1 Mozzjoni Numru 02/2019

*Nixtieq naghmel mozzjoni fuq ilment tas-sur Pierre-Jean Borg*

*Is-Sur Borg qed jitlob li tinqala’ l-lampa tad-dawl li tinsab gewwa triq iz-zebbuga, l-eks Bocci Pitch ( fejn hemm id-dghajsa tal-Valletta 18). Din il-lampa qed tikkawza hsarat li din il-binja antika, hekk kif ir-roll bolts li qedin imqabdin mal-hajt issaddu. Din il-problema tipremetti sabiex ammont kbir ta’ ilma jidhol fil-proprjeta’.*

*Nemmen li bhala Kunsill ghandna nippreservaw id-djar storici taghna u nehu l-inkonvenjent ghal dan is-sinjur kif ukoll ghal min ikun ghaddej minn hemm. Qed nitlob sabiex naqilaw din il-lampa u nwahluwa mal-arblu permanenti fl-istess zona.*

Is-sur Alexander Caruana ppropona illi minflok il-kliem *nwahluwa mal-arblu* jitnehha u minflokhom jizdied il-kliem u *jehel fanal dekorattiv*. Is-Sur Scott Camilleri ssekonda

l-proposta hekk kif emendate li giet approvata b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti

## 7.8 Traffiku u Parkegg

7.8.1 Ma kienx hemm

## 7.9 Applikazzjonijiet ghal zvilupp

7.9.1 Ma kienx hemm applikazzjonijiet li kienu jinhtiegu diskussjoni u decizjoni mill-Kunsill Lokali .

## 7.10 Street Lighting

7.10.1 Ma kienx hemm.

## 7.11 Attivitajiet

7.11.1 Is-Sa. Josette Busuttil ghaddiet lill-Kunsill Lokali rendikont tal-attivita' relatata mal-Karnival tas-Sajf li kienet hadet hsieb tikkordina. Minbarra dettalji dwar l-attivita' nnifisha s-Sa. Busuttil poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rendikont finanzjarju tal-istess attivita', liema rendikont jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti ('DOK 'C').

7.11.2 Il-Kunsilliera Josette Baldacchino ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji dwar l-attivita' ta' Jum Birzebbuga li kienet qieghda tikkordina. Is-Sa. Busuttil, minbarra li infurmat lill-Kunsilliera bil-kordinamenti li kienu saru, sahqet illi kienu waslu tlettax il-nomina ghal Gieh Birzebbuga li minnhom ghaxra kienu gew maghzula. Wara li ghaddiet biex tipprovdi dettalji dwar in-nomini, kien hemm diskussjoni libera. Finalment intlehaq qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-bord bid-decizjoni ewlenija tkun illi Gieh Birzebbuga ghas-sena 2019 jinghata lill-kummissarju Ewropew Karmenu Vella.

7.11.3 Is-Sa. Josette Busuttil informat lill-Kunsill Lokali illi kienet qieghda tipproponi li l-Kunsill Lokali ghal zmien il-Milied itella' attivita' flimkien ma' Joys of Gospel liema attivita' kienet ser tkun qieghda tiswa' elf u mitt ewro. Wara diskussjoni libera dwar il-materja, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza msemmija wara proposta tas-Sa. Busuttil issekondata mis-Sur Carlo Stivala u li ghaddiet b'votazzjoni ta' seba' voti favur u vot wiehed kontra.

7.11.4 Il-Kunsilliera Josette Busuttil ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji dwar l-attivita' 90's End of Summer Weekend li kien qieghed jigi propost li tittella' fiz-zona tal-Bajja s-Sabiha. Wara li l-Kunsill Lokali qabel fil-principju mal-attivita', il-Kunsill lokali gie infurmat illi l-organizzaturi tal-attivita' kienu qieghdin jitolbu illi l-Kunsill Lokali jiffinanzja parti mill-ispejjez tal-attivita'. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi minhabba ragunijiet legali il-Kunsill Lokali ma' setax jikkontribwixxi finanzjarjament minhabba ragunijiet legali.

## 7.12 Offerti Pubblici u Kuntratti.

6.12.1 Is-Sindku gharraf lill-Kunsilliera bil-processi ta' sejhiet ghall-offerti li kien hemm miftuha u l-istadju li kienu waslu fih.

## 7.13 Progetti u xogholijiet

7.13.1 Il-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien hem mil-htiega li jinhatar kumitat tal-finanzi li kellu idejalment ikun kompost minn hames membri. Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi l-bord kellu jkun kompost mis-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv, l-accountant tal-Kunsill Lokali fimkien mas-Sinjuri Scott Camilleri u Alexander Caruana.

**7.14 Mili ta' postijiet vakanti**

7.14.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara li gie ezawrit il-process ta' interviews, il-bord mahtur mill-Kunsill Lokali kien irrakkomanda illi jigi ingaggjar is-Sur Michael Livori. Bi qbil unanimu, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u jingaggja lis-Sur Livori bhala skrivan fi Skala 15.

7.14.2 Is-Sindku informal ill-Kunsill Lokali illi wara li kien ghalaq il-perjodu ghas-sottomissjonijiet, il-Kunsill Lokali kien ircieva zewg applikazzjonijiet ghall-mili ta' post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Farrugia zied jghid illi filwaqt li wahda mill-applikanti ma kenitx eligibbli peress li isimha ma kienx jidher fil-pool ta' segretarji Ezkeuttivi prospettivi, il-kandidat l-iehor kien irtira l-applikazzjoni. Is-Sindku kkonkluda billi qal illi fil-frattemp kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex il-Kunsill Lokali ikollu agent Segretarju Ezekuttiv.

**7.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

6.15.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-8:30 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 7 ta' Ottubru 2019 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 7 ta' Ottubru, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ________________ |
| Joseph Farrugia | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |